# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 965/10 MH**

**Illum, 9 ta' Frar, 2018**

**Raymond u Salvina konjugi Cauchi (K.I. 20659 (G) u 3459 (G) rispettivament)**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana, li permezz ta' digriet datat 23 ta' Novembru 2012 gie mibdul ghal Direttur Generali (Dwana)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat ta' l-atturi Raymond u Salvina Cauchi** tal-24 ta' Settembru 2010 li permezz tieghu premettew:

1. *"Illi l-esponenti, Raymond Cauchi jghix fl-Istati Uniti tal-Amerika ghalkemm martu Salvina Cauchi tirrisjedi fil-gzira Ghawdxija. Huwa*

*kien kollezzjonist tal-armi u matul iz-zmien li ilu jirrisjedi fl-Istati Uniti tal-Amerika huwa rnexxilu jikkollezzjona diversi armi tan-nar ukoll unici u ta' valur imprezzabbli anki mill-aspett storiku pero' li kollha kemm huma kienu funzjonabbli;*

2. *Illi f'mument minnhom huwa iddecieda li jimporta lejn Ghawdex tlettax il-arma tan-nar minn dina l-kollezzjoni u cioe' Browning Serial No 211BC0978 ; Strum Ruger Serial. No: 410-29922; Browning Serial.No: 03642PT143; Rotweil Serial No: 74008; Ithaca Serial No: 78102; Browning 23507PV103; Benelli Serial No: F 045844; Browning Serial No: 30194; Benelli serial No: U007566; Charles Daly Serial No: 2121358; Winchester Serial No DG279303E; Navy Arms ; Serial No 111208 u Diana air rifle Serial No: 4039926, murija wkoll fir-ritratt meta kienu ghadhom fis-show case taghhom fid-dar ta' l-esponenti fi New York, l-Istati Uniti ta' l-Amerika (Dok A).*

3. *Illi l-esponenti ghall- istess fini ghamel il-proceduri kollha necessarji sabiex jkun jista' jimporta l-istess armi tan-nar f'Malta, liema armi tan-nar huwa importa lejn Malta gewwa container flimkien ma' oggetti personali tieghu;*

4. *Illi mal-wasla tal-istess container f'Malta, liema container kien igib in-numru GSTV 921290/0 l-esponenti iddikjara ma' l-awtoritajiet li ghandhu dawn it-tlettax il-arma tan-nar u bhalma jsir is-soltu l-istess container infetah Ghawdex fil-prezenza ta' erba ufficjali tad- dwana u l-ghada u cioe' fil-15 ta' Jannar 2008 l-esponenti ha l-istess kollezzjoni ta' tlettax il-arma tan-nar fl-examination shed tad-dwana fil-Marsa u cioe' go warehouse bla saqaf u imdawwra bil-wire tal-hadid u b'bieb*

*maghluq b'katnazz daghjjef li jiswa anqas minn ewro. L-istess Raymond Cauchi gie ordnat ihalli dawn l-armi hemmhekk pendenti ir-rilaxx taghhom sakemm jgib id-dokumentazzjoni kollha necessarja u fil-fatt huwa inghata ricevuta tal-istess armi tan-nar, kopja hawn esebita u markata bhala Dokument B;*

5. *Illi fl-20 ta' Frar 2008 l-esponenenti gie infurmat li huwa setgha jigbor dawn l-armi mid-dwana. L-ghada 21 ta' Frar 2008 meta l-esponenti mar gol-warehouse tad-dwana biex jigbor l-armi huwa gie mgharraf li l-istess armi tan-nar insterqu matul il-lejl waqt li kienu taht il-kustodja tal-istess Kontrollur tad-dwana;*

6. *IIlli sussegwentament wara investigazzjoni intensiva instabu hamsa minn dawn l-armi u cioe' il-Browning Serial No: 211BC0978; il-Rotweil Serial Number; 74008; il-Browning Serial Number: 23507PV103; il-Browning Serial No: 30194 u Navy Arms Serial No: 111208 u fil-fatt ittiehdu passi kriminali kontra certi individwi li ammettew l-involviment taghhom f'din is-serqa;*

7. *Illi dawn il-hames (5) shotguns gew moghtija lura lill konjugi Cauchi li baqghu minghajr ir-rimanenti sebgha (7) shotguns u air rifle;*

8. *Illi l-istess serq ta' dawn is-shotguns gara tort u htija tal-istess Kontrollur tad-Dwana li minflok ma pogga l-istess armi tan-nar , li huma fihom infushom funzjonabbli u cioe' perikoluzi go strongroom, hallihom go dina l-warehouse li hija facilment accessibbli u bla sigurta' ta' xejn;*

*Illi ghalhekk ghat-telf ta' dawn l-armi huwa responsabbli l-istess Kontrollur tad-Dwana li b'nuqqas ta' diligenza u bi traskuragni u minghajr ma uza l-kura tal-bonus pater familias iffacilita s-serq tal-istess armi tan-nar u ghalhekk ghandu jwiegeb ghall-istess;*

*Jghid l-istess Kontrollur tad- Dwana ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex prevja d-dikjarazzjonijiet, ordnijiet u provvedimenti necessarji u opportuni:*

1. *Tiddikjara li l-istess Kontrollur tad-Dwana m' agixxiex bid-diligenza kollha rikjesta minnhu bil-ligi u l-istandard tal-bonus pater familias meta kellu fil-kustodja tieghu l-istess armi tan-nar u ghalhekk l-istess Kontrollur ghandhu jwiegeb ghad-danni kollha, inkluz il-valur tal-istess armi u t-telf ta' uzu taghhom;*
2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*
3. *Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati lill-atturi;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali numru 638/2008 datata 29 ta' Frar 2008 u l-ittra numru 1349/2010 datata Mejju 2010 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma imharrek."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta guramentata tad-Direttur Generali (Dwana) tal-15 ta' Novembru 2010**[1] u li permezz taghha ressaq dawn l-eccezzjonijiet:

[1] Fol 13 et seq

*"Illi preliminarjament, in kwantu r-rikorrenti jimplikaw fir-rikors promutur tagħhom li l-esponent żamm l-armi tan-nar in kwistjoni għalxejn u b'konsegwenza dawn insterqu minn proprjeta' tal-esponent, l-esponent jgħid li tali deċiżjoni li jinżamm ir-rilaxx immedjat tal-armi tammonta għal għemil amministrattiv. F'dan il-każ, talba għal danni riżultanti minn għemil amministrattiv trid neċessarjament issegwi d-dettami tal-artiklu 469A tal-Kap 12 u allura jrid ikun ippruvat il-mala fede tal-esponent l-ewwel fit-teħid ta' dik id-deċiżjoni amministrattiva, biex l-esponent ikun jista' iwieġeb għad-danni. Pero' ċertament ma kien hemm ebda mala fede min-naħa tal-esponent.*

*Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent żamm ir-rilaxx immedjat ta' tlettax il-arma impurtati mir-rikorrenti stante li r-rikorrenti ma ppreżentawx lid-Dwana liċenzja ta' importazzjoni għal dawn l-armi u dokument li juri l-kunsens tal-Kummissarju tal-Pulizija għal dan ir-rilaxx. Għalhekk l-armi ma setgħux ikunu rilaxxati. Li kieku r-rikorrenti kellhom id-dokumenti kollha neċessarji fil-mument tal-importazzjoni tagħhom, kieku l-armi setgħu kienu rilaxxati immedjatament kif waslu Malta.*

*Illi r-rikorrenti damu biex ippreżentaw dawn id-dokumenti xahar sħiħ u kien biss meta ppreżentaw dawn id-dokumenti li l-esponent seta' jirrilaxxa l-istess armi. Pero' fil-lejl tal-21 ta' Frar 2008, dawn insterqu permezz ta' sgass mill-Examination Shed tad-Dwana.*

*Illi fil-frattemp, diment li l-armi kienu fil-pussess tal-esponent, dawn l-armi kienu fi strong room fl-istess Examination Shed u dan kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti.*

*Illi għalhekk l-esponent aġixxa bl-akbar diliġenza u kura u fil-parametri tal-liġi diment li l-armi kienu fil-pussess tiegħu, u għalhekk ma jweġibx għad-danni allegatament sofferti mir-rikorrent.*

*Illi barra minn hekk, is-serq hu każ fortuwitu u għalhekk, l-esponent ma jweġibx għad-danni allegatament sofferti.*

*Illi rigward il-valur ta' dawn l-armi u xi danni allegatament sofferti, fid-dokumentazzjoni li ppreżenta lill-esponent, ir-rikorrenti ddikjaraw il-valur ta' dawn it-tlettax il-arma bħala elf Ewro. Dan il-valur għandu jonqos biex jirrifletti l-fatt li r-rikorrent irċieva lura ħames armi tan-nar mit-tlettax li kienu misruqa.*

*Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontrihom."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata.

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda u l-affidavits prezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti kollha prezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat ir-rapporti tal-esperti teknici nominati minnha.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet u semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difensuri taghhom.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

L-attur, dilettant tal-armi, huwa residenti gewwa l-Istati Uniti tal-Amerka filwaqt li l-attrici martu tghix gewwa Ghawdex. Huwa jigi Malta ghal perjodi qosra matul is-sena sabiex izur lill-familja. F'okkazjoni minnhom huwa nizzel

Malta 13 il-arma tan-nar mill-kollezzjoni li kellu l-Amerka, liema armi ttiehdu fl-*examination shed* tad-Dwana sakemm jinhargu l-permessi relattivi mill-Pulizija. Waqt li dawn l-armi kienu ghadhom f'idejn id-Dipartiment tad-Dwana insterqu minn terzi persuni fil-21 ta' Frar 2008. Ghalkemm hamsa minn dawn l-armi gew rintraccati mill-pulizija, l-bqija baqghu ma nstabux. L-atturi ntavolaw dawn il-proceduri sabiex jithallsu danni minghand il-Kontrollur tad-Dwana peress li fil-fehma taghhom huwa ma wzax id-diligenza ta' *bonus pater familias* fiz-zamma tal-armi proprjeta' tal-attur waqt li kienu jinsabu fil-kustodja tieghu.

Minn naha l-ohra, d-direttur konvenut jichad li huwa ghandu jgorr responsabilta' ghall-akkadut primarjament ghax fil-fehma tieghu agixxa b'diligenza u kura fil-parametri tal-ligi sakemm l-armi kienu fil-pussess tieghu u li fi kwalunkwe kaz is-serq huwa kaz fortuwitu u ghalhekk huwa m'ghandux iwiegeb ghad-danni.

**A. ECCEZZJONI PRELIMINARI**

Il-Qorti tqis li qabel tipprocedi ulterjorment, l-ewwel ghandha tigi sorvolata l-eccezzjoni preliminari mressqa mill-istess konvenut. Din l-eccezzjoni tghid hekk–

*"Illi preliminarjament, in kwantu r-rikorrenti jimplikaw fir-rikors promutur tagħhom li l-esponent żamm l-armi tan-nar in kwistjoni għalxejn u b'konsegwenza dawn insterqu minn proprjeta' tal-esponent, l-esponent jgħid li tali deċiżjoni li jinżamm ir-rilaxx immedjat tal-armi tammonta għal għemil amministrattiv. F'dan il-każ, talba għal danni riżultanti minn għemil amministrattiv trid neċessarjament issegwi d-dettami tal-artiklu 469A tal-Kap*

*12 u allura jrid ikun ippruvat il-mala fede tal-esponent l-ewwel fit-teħid ta' dik id-deċiżjoni amministrattiva, biex l-esponent ikun jista' iwieġeb għad-danni. Pero' ċertament ma kien hemm ebda mala fede min-naħa tal-esponent.*

Din l-eccezzjoni hija totalment infondata.

Fl-ewwel lok, minn qari tar-rikors promotur imkien ma tirrizulta l-implikazzjoni li d-direttur konvenut zamm l-armi tan-nar proprjeta' tal-attur "ghalxejn". Kulma jinghad huwa li l-attur *"gie ordnat ihalli dawn l-armi hemmhekk pendenti r-rilaxx taghhom sakemm igib id-dokumentazzjoni kollha necessarja[2]"* – ordni li l-attur kien aderixxa ruhu maghha minghajr problemi.

Fit-tieni lok huwa palezi li l-premessi u t-talbiet tal-atturi m'ghandhom x'jaqsmu xejn mad-decizjoni tal-konvenut li jzomm ir-rilaxx tal-armi in kwistjoni. Dan ghaliex kemm il-premessi kif ukoll it-talbiet jiffurmaw azzjoni ghal danni naxxenti minn allegati nuqqasijiet tad-Direttur konvenut *qua* depozitarju ta' oggetti appartjenenti lill-attur. Ma tirrizulta ghalhekk ebda azzjoni ghal stharrig ta' eghmil ammnistrattiv a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap 12 kif insinwat mill-konvenut u d-danni mitluba fil-kawza m'ghandhom x'jaqsmu xejn mad-danni kontemplati f'dak l-artikolu tal-ligi.

Ghal kull buon fini jigi senjalat ukoll li fid-digriet taghha tat-22 ta' Gunju 2012 - dwar it-talba tal-konvenut ghal kjamat in kawza taz-zewg persuni li kienu nstabu hatja li wettqu s-serqa tal-armi in kwistjoni - il-Qorti kienet diga' ssottolineat x'kienu l-parametri tal-kawza –

*"minn qari tar-rikors guramentat hu altru milli evidenti li l-pretensjoni tal-atturi hi li bhala depozitarju tal-armi l-kovenut ghandu jaghmel tajjeb ghall-hsara li garrbu peress li halla l-armi gewwa* ***"warehouse li hija facilment***

[2] Paragrafu 4 tar-rikors guramentat

***accessibbli u bla sigurta' ta' xejn."*** *(paragrafu 8 tal-premessi tar-rikors guramentat[3])."*

L-eccezzjoni hija ghalhekk respinta.

**B. MERTU**

Mill-atti tal-kaz, il-fatti li rrizultaw u li wasslu ghall-vertenza odjerna huma dawn-

i. Fl-2007, l-attur iddecieda li jnizzel mill-Amerka lejn ir-residenza tieghu f'Ghawdex tlettax il-arma li kienu parti minn kollezzjoni tieghu ta' armi. L-armi kienu[4]:

1. Browning Serial No 211BC0978

2. Strum Ruger Serial No 410 – 29922

3. Browning Serial No 03642PT143

4. Rotweil Serial No 74008

5. Ithaca Serial No 78102

6. Browning Serial No 23507PV103

7. Benelli Serial No F 045844

8. Browning Serial No 30194

9. Benelli Serial No V007566

10. Charles Daly Serial No 2021358

11. Winchester Serial No DG279303E

12. Navy Arms Serial 111208

---

[3] Fol 184

[4] Affidavit a fol 23

13. Diana Air Rifle Serial No 4039926

ii. L-attur ghandu diversi licenzji fir-rigward tal-armi fosthom dawk sabiex izomm fil-pussess tieghu armi bhal *rifles, shotgun u revolvers*. L-armi ngiebu Malta permezz ta' *container* flimkien ma' oggetti ohra personali tal-istess attur. Mal-wasla tal-*container* f'Malta fil-15 ta' Jannar 2008 dan ittiehed lejn Ghawdex fejn infetah mis-sigill fil-prezenza ta' erbgha ufficjali tad-Dwana li talbu lill-attur jehodhom gewwa l-*examination shed* tad-Dwana gewwa l-Marsa[5];

iii. L-ghada fis-16 ta' Jannar 2008 l-attur ottempra ruhu ma' din ir-rikjesta u, wara li l-ufficjali tad-Dwana rrilaxxjaw id-debita ricevuta[6], huma zammew dawn it-tlettax -il arma fl-*examination shed* tad-Dipartiment sakemm tinghata l-*clearance* mill-Kummissarju tal-Pulizija;

iv. Gara li 21 ta' Frar 2008 f'xi hin bejn il-5.18pm (meta kien ghadu d-dawl tax-xemx) u d-9.15pm (meta kien diga' dalam), l-armi tan-nar in kwistjoni, flimkien ma' apparat tal-computer gew misruqa mill-*examination shed*[7]. Din is-serqa giet skoperta minn zewg ufficjali tad-Dwana Joseph Cassar u Francis Schembri li kienu marru hemmhekk sabiex jiddepozitaw f'dan is-*shed container* li kellu jigi spezzjonat. Mix-xhieda taghhom irrizulta[8] li huma waslu f'dan il-fond ghall-habta ta' 9.30pm. Malli Joseph Cassar nizel bic-cwievet biex jiftah u pprova jdahhal ic-cavetta fil-*lock* tal-bieb dan instab miftuh. Kif dawn l-ufficjali xeghlu d-dawl skoprew li l-*locks* ma kinux hemm u mmedjatament avzaw lis-superjur taghhom li wkoll acceda fuq il-post. Meta dahlu fis-*shed* sabu zewg *containers* sgassati flimkien mal-i*strong room*. Innutaw ukoll li l-ufficcju u l-kcina kienu sgassati wkoll. Huma sabu li kien insteraq il-*keyboard* u l-monitor tac-CCTV.

[5] Affidavit tal-attur a fol 24
[6] Fol 27
[7] Ara l-Atti tal-inkjesta magisterjali fol 111 et seq
[8] Fol 126 et seq u fol 164 u fol 166

Mill-i*strong room* insterqu t-tlettax -il arma tan-nar proprjeta’ tal-attur u sett iehor ta’ erbgha snieter gewwa l-*pockets* taghhom. Instabu wkoll zewg *containers* bis-sigill maqtugh pero’ ma kienx jidher li nsteraq xi haga minnhom;

v. Eventwalment zewg persuni tressqu l-Qorti akkuzati b’tali serqa u ammettew li kienu huma wettqu tali serqa[9];

vi. Minn fost l-armi misruqa nstabu hamsa li gew ritornati lill-attur[10]. Il-bqija tal-armi misruqa sal-lum ma nstabux.

**1. RESPONABILTA’ O MENO TAD-DIRETTUR GENERALI TAD-DWANA**

L-atturi jatribwixxu responsabilta’ ghall-akkadut lill-konvenut ghax fil-fehma taghhom huwa agixxa –

*“b’nuqqas ta’ diligenza u bi traskuragni u minghajr ma uza l-kura tal-bonus pater familias iffacilita’ s-serq tal-istess armi tan-nar u ghalhekk ghandu jwiegeb ghall-istess[11].”*

Minn naha l-ohra d-difiza tal-konvenut hija ppernjata fuq zewg binarji u cioe’ li:

a. huwa agixxa b’diligenza u kura fil-parametri tal-ligi fil-perjodu li l-armi tan-nar in kwistjoni kienu fil-pussess tieghu; u

b. fi kwalunwke kaz, is-serq huwa kaz fortuwitu u li ghalhekk huwa m’ghandux iwiegeb ghad-danni.

**Ikkunsidrat:**

---

[9] Sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 t’Awissu 2009 a fol 261 et seq u tat-3 ta’ Settembru 2013 a fol 274 et seq u a fol 280 et seq

[10] Fol 25 u fol 190 et seq

[11] Premessa numru 8 fir-rikors guramentat

Il-Qorti tibda billi tqis li d-Direttur konvenut kien qieghed jagixxi fil-parametri tal-funzjonijiet u obbligi tieghu skont il-ligi li jzomm fil-pussess tieghu l-armi tan-nar in kwistjoni pendenti r-rilaxx taghhom lill-atturi sakemm jinhargu l-permessi mehtiega mahruga mill-Pulizija. Kif xehed Joseph Vella, ex-ufficjal tad-Dwana[12]-

*"Is-sistema kif tahdem, li nibaghtu l-fizzjali biex ikunu prezenti meta jinfetah il-container, u jaraw l-oggetti li hemm fih. F'dal-kaz, irrizulta li kien hemm xi armi tan-nar. Ahna bilfors kellna nzommuhom mhux ghax ma kinux personal effects, imma ghax irid ikollok il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija."*

Kien il-konvenut li ghazel il-lok fejn kellhom jinzammu dawn l-armi, u dan skont is-sistema vigenti fl-epoka. Kif kompla jixhed l-istess Joseph Vella[13]-

*"Il-procedura dak iz-zmien, kienet li l-persuna f'dan il-kaz l-attur, igib l-armi ghandna fl-examination room. Ahna rcevejna l-armi u poggejnihom fl-istrong room. Kien prezenti l-attur meta poggejnihom fl-istrong room."*

Ferm il-premess, huwa pacifiku li mill-mument li l-attur ikkonsenja l-armi tan-nar lid-direttur konvenut sakemm dawn kellhom jergghu jigu rilaxxjati lilu bil-permessi mehtiega, ikkonkorrew l-elementi mehtiega biex jigi fis-sehh il-kuntratt ta' depozitu bejn il-partijiet. Kif konfermat fil-kaz **Medcast Foundary Ltd vs Korporazzjoni ta' l-Izvilupp et deciz fil-31 ta' Mejju 2002**[14] -

*Biex ikun hemm din il-figura guridika "jrid ikun hemm il-konsenja ta' l-oggett mid-depozitarju u jehtieg li dan jircievi dak l-oggett u jobbliga ruhu li jikkustodih gratuwitament u jikkonsenjah in natura fuq semplici rikjesta li min huwa intitolat jirtirah minn ghandu ghaliex id-depozitu huwa kuntratt reali li jigi perfezzjonat bit-tradizzjoni tal-haga l-oggett tad-depozitu."*

12 Fol 77

13 Fol 77

14 Cit 347/97

Konsegwentement skatta fuq l-istess konvenut l-obbligu skont il-ligi li jiehu hsieb dawn l-oggetti bhala missier tajjeb ta' familja u jroddhom lura fi stat tajjeb.

Din il-Qorti stess fil-kaz fl-ismijiet **Paul Licari vs Malta Industrial Park Ltd deciz fl-10 ta' Lulju 2017**[15] elenkat il-principji legali u gurisprudenzjali li jirrigwardaw l-istitut tad-depozitu u l-obbligi tad-depozitarju –

*"Fil-kawza fl-ismijiet **Rev. Vincenzo Borg v. Giuseppe Caruana et.**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1950, fejn il-Qorti kienet qed taghmel distinzjoni bejn il-kuntratt ta' depositu u dak ta' mandat intqal b'referenza ghall-awturi **Baudry-Lacantinerie u Pothier** u senjatament ghal kuncett ta' depositu gie citat s-segwenti:*

*"**il depositario conserva semplicemente gli oggetti che gli sono affidati**, mentre il mandatario li usa nell'interesse del mandante e in conformità alle istruzioni dal medesimo ricevute – **Baudry-Lacantinerie, Del Mandato, para. 404**."*

*Kompliet ukoll telabora li sabiex jezisti depozitu:- "fa d'uopo che lo scopo principale della tradizione sia unicamente che quegli cui vien fatta la tradizione s'incarichi della custodia di essa. Questo scopo forma il carattere essenziale del contratto di deposito, che lo distingue dagli altri contratti – **Pothier, Del Deposito Cap. 1, para 9".***

*Dwar l-obbligi tad-depositarju fil-kawza fl-ismijiet **Bryan Ellul Sullivan vs Direttur Generali Qrati ta' Malta** intqal;*

*L-Artikolu 1899 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi:-*

*"Id-depositarju ghandu, fil-kustodja tal-haga taht depositu, jiehu hsieb daqs kemm jiehu fil-kustodja ta' hwejgu".*

[15] Rik Gur 25/10

*Illi ta' rilevanza huma wkoll id-dispozizzjonijiet tas-subincizi (a) u (c) tal-artikolu 1900 li jipprovdu s-segwenti:*

*"(1) Id-dispozizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan ghandhom jigu applikati b'mod aktar sever:*

*(a) meta d-depositarju jkun offra ruhu huwa nniffsu sabiex jiehu lura d-depositu;*

*(c) meta d-depositu jkun sar biss fl-interess tad-depositarju.*

*(2) F'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fil-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jghoddu ddispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 1132;......".*

*Illi l-Artikolu 1132 tal-Kodici Civili jipprovdi hekk:*

*"(1) Bla hsara ta' kull dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici dwar id-depositi, id-diligenza li wiehed ghandu juza fl-ezekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni, sew jekk din ikollha bi hsieb il-gid biss ta' wahda mill-partijiet sew jekk tal-parti l-wahda u l-ohra, hija, f'kull kaz, dik ta' missier tajjeb tal-familja, kif hemm provdut fl-artikolu 1032".*

*Illi l-Artikolu 1904 jipprovdi s-sewgenti:-*

*"(1) Id-depositarju ghandu jrodd dik il-haga stess li jkun ircieva, fl-istat li din tkun tinsab fiz-zmien tar-radd.*

*(2) It-tgharriq li jsir fil-haga minghajr htija tad-depositarju jbaghtih id-depositant".*

*[………………………….]*

*Illi m'hemmx dubju li galadarba l-oggetti gew depositati ghand il-konvenut, huwa kellu l-obbligu li jiehu hsiebhom b'dan li jroddhom lura meta hekk mitlub,*

*u jekk dawn ma jkunux aktar disponibbli ghandu jaghmel tajjeb ghan-nuqqas taghhom………*

*Illi fil-kawza fl-ismijiet "***Dimech vs Kummissarju tal-Pulizija***", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' April 1996, intqal illi "Ir-responsabbilta' ta' depositarju hija dik ta' bonus paterfamilias u huwa ghandu l-obbligu li jipprova li ma setax jevita t-telf tal-oggetti hekk lilu konsenjati, u fin-nuqqas iwiegeb ghad-danni".*

*Illi fil-kawza fl-ismijiet* ***"Mary Hall vs Emmanuel Xuereb****", deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Marzu 1946, il-Qorti nnotat illi d-depositarju, anki b'titolu gratuwit, ghandu juza fil-kustodja tal-haga l-istess diligenza li juza fil-kustodja ta' hwejgu. In konferma ta' dak stabbilit mill-Kodici Civili, hija qalet ukoll li d-depositarju ghandu jrodd il-haga lil min fdahielu fl-istess stat li kienet giet konsenjata lilu. Konsegwentement id-depositarju li jonqos minn dawn l-obbligi huwa responsabbli ghad-danni lejn id-depositant. Illi r-responsabbilta' ta' depositarju hija dik ta' bonus paterfamilias u huwa ghandu l-obbligu li jipprova li ma setax jevita t-telf tal-oggetti hekk lilu konsenjati, w fin-nuqqas iwiegeb ghad-danni.*

*Illi in effetti fil-kawza fl-ismijiet "***Maria Camilleri vs Duminku Attard***" (P.A. (JSP) 2 ta' April 1992) inghad illi:-*

*"Huwa provvdut fil-ligi li min jircievi d-depositu ghandu juza l-istess diligenza fuq il-haga depositata qisha kienet tieghu, jigifieri juza d-diligenza li jirrizerva ghall-hwejjeg tieghu… Ghaldaqstant l-attur nomine bhala depositarju kellu juza d-diligenza ta' 'buon padre di famiglia' (Pietro Contini vs Giorgio Zammit (Vol. XXIX. P I. 1422)".*

*"Id-depositarju huwa obbligat juza, fil-kustodja ta' l-oggetti depositati ghandu, l-istess diligenza li huwa juza fil-kustodja ta' hwejgu, u huwa obbligat irodd dawk l-oggetti biss lil min ikun iddepositahom ghandu jew lill-persuna illi*

*f'isimha jkun sar id-depositu jew lil min ikun inkarigat biex jircevihom. Id-depositarju li jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa responsabbli tat-telf jew hsara li dan in-nuqqas igib lis-sid tal-haga depositata jew lil min ikun iddepositaha" (Vol. XXIX. P I. 1244). (ara wkoll "***Reginald Micallef et nomine vs Godwin Abela et nomine***" – A.K. 16 ta' Marzu 1992)."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz tal-lum il-Qorti ssib li kien hemm diversi nuqqasijiet lampanti da parti tal-konvenut *qua* depozitarju tal-oggetti in kwistjoni, nuqqasijiet li minhabba fihom mhux talli l-konvenut ma jistax jitqies li osserva rigorozament l-obbligu primarju tieghu li jiehu hsieb l-armi mizmuma minnhom b'diligenza ta' *bonus paterfamilias*, talli l-istess omissjonijiet tieghu esponew l-oggetti in kwistoni ghal riskju akbar li jisfaw fil-mira ta' serq, vandalizmu jew hsara ohra.

Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet komplessivament –

1. L-"*examination shed*" fejn kienu jinzammu l-armi (u li l-access ghaliha seta' jsir minn go bieb zghir kif ukoll minn go bieb kbir li minnu jghaddu t-trakkijiet bil-containers[16]) kull ma kellha kienu zewg serraturi ordinarji u ma kellha ebda forma ohra ta' apparat jew accessorji li setghu isahhu s-sigurta' tal-post. Joseph Cassar, fizzjal tad-Dwana xehed hekk[17]-

*"Il-bieb ghandu zewg sellaturi. Ghandu sellatura normali, li nirreferu ghaliha ta' b'hamsa. M'hemm l-ebda rod fuq wara imwahhla mas-serratura, li taqbad mal-parti ta' fuq u ma' l-art. Meta mort toqob vojta tas-sellatura kien hemm. Ic-cilindru tas-sellatura, instab mill-Pulizija vicin il-bieb."*

Dan kollu ma setax hlief jaghmel sgass ferm aktar facli, kif fil-fatt gara.

[16] Xhieda ta' Joseph Cassar a fol 164
[17] Fol 165

2. Din is-*shed* kienet sitwata f'zona ta' fabbriki li allura specjalment fil-ghaxijiet kienet logikament tkun nieqsa minn attivita' u prezenza ta' nies. Nonostante dan, l-estern tas-*shed* kien jithalla mudlam bil-lejl. Kif xehed wiehed miz-zewg ufficjali tad-Dwana li skoprew is-serqa Frank Schembri[18]–

*"Ma kien hemm hadd fil-post. Meta wasalna dlam biss kien hemm. Stajna naraw bid-dawl tal-vettura. Dan il-post qieghed qalb il-fabbriki. Dan qieghed fl-Industrial Estate tal-Marsa"*;

2. Il-binja nfisha ta' din is-*shed* ma tidhirx li kienet xi wahda li tipprovdi sigurta' adegwata ghall-oggetti depozitati fiha, specjalment tenut kont tal-fatt li fiha kienu anke jinzammu oggetti ta' certu valur bhalma kienu l-armi mertu ta' din il-kawza. Ghalkemm kellha zewg serraturi (li waqt is-serqa tqacctu t-tnejn[19]), is-saqaf kien biss wiehed *"tal-pjanci[20]"*, liema materjal huwa ferm aktar dghajjef ghal dik li hi penetrabilita' u accessibilita' gewwa l-fond imsemmi;

3. Ma kien ikun hemm ebda prezenza ta' xi ufficjali li jipprovdu sigurta' ghall-post f'xi hin tal-gurnata. Lanqas bil-lejl meta, kif inghad, is-*shed* kienet tithalla fi dlam cappa minn barra. U l-kameras tac-CCTV li hemm fil-post jintuzaw biss ghal skopijiet ta' spezzjoni tax-xoghol waqt il-hin tax-xoghol u ma jintuzawx ghal ghanijiet ta' sigurta' lanqas. Kif kompla jghid Frank Schembri[21] -

*"Mistoqsi jekk hemmx kameras fejn hemm is-shed, nghid li le m'hemmx. Mistoqsi jekk hemmx xi security fil-parti ta' barra nghid li le m'hemmx. Din mhix tinda li normalment hi normali. Tintuza biex isir ezami ta' xoghol. Hemm kameras gewwa s-shed li jsir uzu minnhom waqt li nkunu qeghdin naghmlu l-ezami. Dawn il-kameras jintuzaw fil-qadi ta' dmirijiet ta' l-Ufficjali tad-Dwana. Fis-sens li mill-ufficcju jaraw x'qed isir waqt li jkun qed isir xi ezami ta'*

[18] Fol 166
[19] Xhieda ta' Frank Schembri a fol 167
[20] Fol 167
[21] Fol 167

*container hemm gew. Dan m'humhiex hemmhekk ghal skopijiet ta' sigurta', u ghalhekk bil-lejl ikunu mitfijin. Nikkonferma li dawn juru fuq monitor li hemm fl-ufficcju ta' Mr Vella, li qieghed fis-shed stess ghalhekk is-superjur in charge ikun jaf ezatt x'qed isir waqt l-ezami."*

4. Ghal dik li mbaghad il-konvenut isejjah "*strong room*" jew "il-gagga" kif irreferew ghaliha uhud mill-ufficjali tad-Dwana, din giet deskritta hekk minn Joseph Vella (fl-epoka kien inkarigat mill-*Examination Shed)*[22] –

*"F'dal-bini (l-examination shed) kellna strong room, fiha konna nzommu oggetti li ma nkunux nistghu temporanjament nirrilaxxjaw peress li jkollna bzonn xi dokumenti minn xi Dipartiment iehor. Ahna konna niddeskruvuha bhala l-gagga. Ma kinetx kamra maghluqa bil-hitan – kienet imdawra minn hadid spazjat. Kellha wkoll bieb. Kienet tissakkar permezz ta' katnazz. Kellna CCTV cameras go dal-garaxx, pero' dawn jaghtu ghall-post fejn konna nezaminaw il-containers. Fejn hemm l-istrong room, m'ghandniex kameras."*

5. Anke jekk din il-gagga kienet maghmula mill-hadid, kienet sempliciment tissakkar b'katnazz u l-kameras lanqas kienu jilhqu dik iz-zona. Inoltre, ghalkemm Vella qal li "ma jiftakarx" jekk din il-gagga kellhiex saqaf, ritratti taghha[23] jindikaw li probabilment din ma kellhiex saqaf.

6. Dawn huma kollha fatturi li jkomplu poggu f'dubju kemm verament kienu joffru sigurta' adegwata s-*shed* u l-i*strong room.* Dan jinghad fid-dawl tal-fatt li kulma ghamlu l-hallelin fis-serqa in kwistjoni kien sempliciment li qacctu z-zewg serraturi tal-bieb tas-shed u mbaghad qacctu l-katnazz tal-*istrong room* u hadu l-armi. Li kieku kien hemm sigurta' aktar rigoruza kemm fiz-zamma tal-oggetti depozitati nfushom gewwa din il-gagga kif ukoll permezz ta' mezzi ohra ta' protezzjoni u ta' sorveljanza tal-fond, din is-serqa setghet probabilment tigi evitata jew imwaqqfa tempestivament.

[22] Fol 77
[23] Fol 180

Maghmula dawn l-osservazzjonijiet hija l-fehma ferma tal-Qorti li d-direttur konvenut naqas sew fl-uzu tad-diligenza ordinarja ta' missier tajjeb ta' familja fir-rigward tal-armi tan-nar proprjeta' tal-attur kustoditi ghandu.

Isegwi li l-ewwel parti tad-difiza tal-konvenut zgur ma rnexxietx.

Imiss ghalhekk tigi ndagata l-eccezzjoni l-ohra tal-istess konvenut fejn huwa qieghed jissolleva l-kwistjoni li s-serqa hija akkadut fortuwitu li ghalih huwa m'ghandux jirrispondi.

Tajjeb li qabel xejn jigu ezaminati l-principji in materja kif evalwati mill-Qrati. Fil-kaz **Saviour Cutajar et vs Agent Registratur tal-Qorti deciz fis-16 ta' Gunju 2005**[24] inghad hekk -

*Illi jitqies li haga depożitata tkun intilfet b'forza magguri jekk kemm-il darba jintwera li d-depożitarju jkun ha l-passi kollha mehtigea u ragjonevoli biex il-haga depożitata tkun tqeghdet fiż-żgur. Is-serq huwa wada mill-grajjiet li jistghu jitqiesu bhala forza magguri ghad-depożitarju. Iżda fejn id-depożitarju jressaq il-fatt tal-forza magguri bhala difiża ghat-talba biex irodd lura l-haga depożitata, jaqa' fuqu d-dmir li jipprova kif imiss dan il-fatt. Normalment, id-depożitant jehtielu jipprova biss li, bit-telfien tal-haga depożitata, garrab danni: sakemm ma jkunx intwera li kien traskurat fl-ghażla tal-persuna tad-depożitarju bhala persuna li tkun maghrufa bhala wahda traskurata fiż-żamma ta' hwejjiha, f'liema każ id-depożitant jitqies responsabbli minn ghażla bhal dik. Bid-difiża tal-forza magguri wiehed ikun irid juri mhux biss li l-grajja kienet whada mhux mistennija jew mhux mixtieqa, imma wkoll li kienet wada li ma setghetx tigi evitata;"*

Imbaghad fil-kaz **Karl Camilleri vs Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd deciz fil-31 ta' Jannar 2003**[25] il-Qorti qalet li -

[24] Cit 1539/1996
[25] Cit Nru 663/96

*Hi gurisprudenza accettata illi "s-serq ghandu jkun ekwiparat ghal kaz fortuwitu u ghalhekk ghandu jsofrih il-proprjetarju ta' oggett misruq. Dan, ammenokke ma jkunx hemm xi htija ta' min kien depozitarju ta' dak l-oggett li titfa l-htija fuqu ta' dak il-kaz fortuwitu." (***Vol. XXXII P I p 532:"Bianco -vs- Ciantar***);*

*Dan ghaliex il-kaz fortuwitu ma jehlisx mir-responsabilita` tad-dannu jekk jkun precedut minn htija ta' min ikkagunah (***Vol. XXX P III p 142: "Bezzina -vs- Grech et"***);"*

Minn dak li appena nghad jirrizulta li d-direttur konvenut ma jistax jinvoka din id-difiza b'success gjaladarba gie muri li kien hu li naqas li jikkustodixxi l-oggetti depozitati proprjeta' tal-attur b'kawtela, diligenza u hsieb ta' *bonus pater familias*.

La fil-kaz tal-lum id-direttur kiser l-obbligi tieghu skont il-ligi bhala depozitarju u ma rnexxilux jikkonsenja lura l-oggetti depozitati ghandu lill-atturi, huwa ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni minnhom sofferti fir-rigward.

Ghal kull buon fini jinghad li d-dikjarazzjoni tal-ufficjal principal tad-Dwana Joseph Vella li safejn jaf hu, fiz-zmien li kien jahdem hemm din "*kienet l-ewwel u l-unika darba li sehhet xi serqa*[26]*"* ma timmitigax ir-responsabilta' tal-konvenut ghax il-provi wrew li minhabba nuqqas ta'sigurta' adegwata ghall-oggetti fil-kustodja tieghu, il-possibilta' ta' dannu lill-atturi setghet titqies prevedibbli.

**L-ewwel talba tal-atturi timmerita ghalhekk li tigi akkolta.**

**2. LIKWIDAZZJONI U HLAS TA' DANNI**

[26] Fol 77

Fit-tieni u t-tielet talba taghhom, l-atturi jitolbu l-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni, liema pretensjoni tinkludi l-valur tal-istess armi u t-telf ta' uzu taghhom skont l-istimi esibiti minnu.

Huwa pacifiku li t-talba taghhom tirrigwarda danni **fir-rigward tat-tmien armi tan-nar li baqghu ma nstabux**[27].

L-atturi esebew stima ta' certu Michael Mifsud, residenti gewwa l-Istati Uniti, li qal li kien biegh diversi armi tan-nar tal-kollezzjoni lill-attur. Qal ukoll li dawn kienu godda u qatt ma ntuzaw qabel[28].

Mill-prospett ta' danni esibit mill-atturi, il-prezz totali ndikat u pretiz minnhom bhala danni fir-rigward tal-armi tan-nar misruqa li baqghu ma gewx rintraccati jammonta ghal €36,393.93.

Minn naha tieghu l-konvenut jargumenta li l-valur massimu ghall-armi kollha kif dikjarat mill-atturi mal-konvenut huwa ta' €1,000[29] u ghalhekk fil-fehma tieghu il-valur massimu ta' dawn l-armi li fuqu ghandhom jigu kalkulati d-danni ghandu jonqos ulterjorment minn din is-somma sabiex ikun rifless il-fatt li l-atturi nghataw lura hames armi mit-tlettax misruqa[30].

Oltre l-provi mressqa mill-partijiet in sostenn tal-pozizzjoni taghhom, il-Qorti rat ir-rapport tal-espert tekniku mqabbad minnha l-Brigadier Maurice Calleja[31]. Huwa rrelata li:

a. Ghamel ricerki dwar il-prezzijet tas-snieter ta' l-istess ghamla bhal dawk li kienu misruqa mill-mahzen tad-Dwana bl-ghajnuna tal-ktieb *Blue Book of Gun Values*, l-*internet* u kkonsulta' ma' zewg agenti tal-armi. Il-prezzijiet kwotati kienu kollha ta' snieter uzati;

---

[27] Ara wkoll sottomissjonijiet tal-atturi a fol 394 (punt 2. (viii)) u tal-konvenut a fol 417 (punt (iv))
[28] Fol 34 et seq.
[29] Formola intestata *Declaration Information* a fol 64 et seq
[30] Eccezzjoni fir-risposta guramentata
[31] Fol 208 et seq

b. Peress li huwa qatt ma ra l-armi li kienu misruqa huwa ma jistax jistabilixxi l-kundizzjoni taghhom u ghaldaqstant strah fuq id-deskrizzjoni moghtija lilu mill-attur u kkonfermata mill-persuna li minghandu nxtraw (Michael Mifsud). In vista tal-fatt li Mifsud iddikjara li dawn l-armi kienu godda jew f'kundizzjoni daqs godda, l-espert zied 20% fil-mija mal-valur fuq il-prezzijiet tas-snieter uzati;

c. Dan l-espert stabilixxa l-valuri finali tal-armi tan-nar in kwistjoni kif gej:

Strum Ruger Serial No 410-29922 – €2650

Browning Citori Serial No 03642PT 143 – €4374

Ithaca Serial No 78102 – €1104

Benelli Serial No F 045844 – €2650

Benelli Serial No V007566 – €2026

Charles Daly Serial No 2121358 –€644

Winchester Serial No DG279303E – €5736

Diana Air Rifle Serial No 4039926 – €616

d. L-espert qal ukoll li fil-kaz tas-senter Ithaca Model 51 1-100, l-aktar prezz gholi li sab kien ta' €920 u dan ghal senter Presentation Model. Huwa ddikjara dan ghaliex hemm differenza kbira bejn il-prezz kwotat mill-attur u dak kwotat mill-espert tekniku. L-espert qal ukoll li huwa pprova diversi drabi sabiex javvicina dak li kien kwotat mill-attur izda ma setax.

Il-Qorti rat id-domandi in eskussjoni tal-konvenut[32] u t-twegibiet ta' dan l-espert tekniku[33].

[32] Fol 217 et seq
[33] Fol 221 et seq

Il-Qorti rat ukoll ir-rapport tal-periti perizjuri mqabbda minnha s-Sur Stephen Petroni, s-Sur Pierre Grech Pillow u l-Av. Mario Spiteri. Tinnota qabel xejn li t-talba tal-atturi ghall-isfilz tal-istess rapport[34] hija ormai kapitlu maghluq wara li giet michuda kemm minn din il-Qorti[35], liema cahda giet ukoll konfermata bis-sentenza tal-15 ta' Dicembru 2015 tal-Qorti tal-Appell[36].

Fir-rapport taghhom, oltre l-fatti stabbiliti mill-atti, l-periti perizjuri ghamlu dawn il-konsiderazzjonijiet, li sintetikament jghidu hekk –

a. Hafna drabi, l-valur ta' arma li tkun inxtrat sabiex tinzamm minn kollezzjonista tal-armi ikun ferm oghla peress li f'dan il-valur ikun hemm l-element suggettiv u l-element ta' affezzjoni ghal dik l-arma;

b. Meta jkun qed jigi stabbilit il-valur fuq arma, u dan sabiex jigi rifless il-prezz reali taghha fis-suq f'dak il-mument, dawn iz-zewg elementi appena msemmija ser ikunu mankanti bil-konsegwenza li l-prezz ser ikun wiehed sostanzjalment anqas minn meta kollezzjonista jhallas flus ghall-arma li huwa jkun verament xtaq jakkwista;

c. Ghalhekk huwa stat ta' fatt rikonoxxut li, kollezzjonista tal-armi dejjem ser ikun dispost ihallas prezz oghla minn normal ghall-arma li jkun jixtieq, pero' da nil-fatt minnu nfih m'ghandu jittiehed qatt bhala kejl definittiv ta' kemm effettivament tkun tiswa l-arma;

d. Fattur importanti iehor li certament ghandu jigi kkunsidrat f'dan il-kuntest huwa dak li l-arma trid tkun ghaddiet minn evalwazzjoni fizika minn min ikun ser joffri prezz fuqha. Ez fejn hemm zewg armi identici u wahda tkun intuzat ghal kacca u l-ohra li tkun baqghet dejjem maqfula u ntatta fil-*carrying case* taghha – logikament, il-prezz tal-ewwel wahda ser ikun ferm inqas minn tat-tieni wahda;

---

[34] Rikors a fol 298 et seq
[35] Digriet a fol 322
[36] Process anness – sentenza a fol 32 et seq

e. Il-kundizzjoni ta' l-arma tista' tkun ukoll soggettiva fis-sens illi jista' jkollok arma li ghandha l-patina (l-element ta' uzu) onesta, li dan jikkuntrasta ferm ma' patina ta' arma ohra illi tkun issubixxiet xi forma ta' traskuragni jew nuqqas ta' kura. Oltre l-kundizzjoni, l-istess jinghad ghall-integrita' mekkanika li ma tistax tigi gudikata sempliciment b'mod viziv izda tkun tehtieg ukoll ezami fiziku;

f. Fattur iehor li jhalli mpatt fuq il-valur partikolari ta' arma huwa dak dwar l-ammont ta' produzzjoni ta' armi ta' dak il-mudell partikolari, li jkunu gew manifatturati, kemm ghad fadal minnhom fl-idejn kif ukoll jekk hemmx xi forma ta' certifikazzjoni li turi limitu ta' produzzjoni ta' dik l-arma partikolari;

g. Min ikun qed jaghmel xi forma ta' valutazzjoni ghandu wkoll ihares b'attenzjoni lejn l-isem tal-manifattur u dan ghaliex l-isem minnu nfih jista' jkun indikattiv ta' doti teknici, l-klassi tal-arma in kwistjoni kif ukoll it-tip u l-kundizzjoni ta' din l-istess arma;

h. F'cirkustanzi bhal kaz tal-lum fejn it-tmien armi misruqa baqghu ma nstabux u allura l-ispezzjoni fizika sabiex tigi stabbilita l-kundizzjoni taghhom mhijiex possibbli, ikun jenhtieg illi tingabar dik l-informazzjoni kollha possibbli dwar kull arma f'dan il-kaz u dana sabiex wiehed ikun jista' jaghti stima tal-valur tal-arma in kwistjoni;

i. Rinfaccjati b'din is-sitwazzjoni l-periti perizjuri hassew il-htiega li jippruvaw jottjenu nformazzjoni oltre dak li hemm iskritt fil-*Blue Book of Gun Values* dwar dawn l-armi u dan billi sar kuntatt mal-awtur u pubblikatur ta' dan il-ktieb is-Sur Stephen P.Fjestad[37], illi seta' jagxxi bhala ntermedjarju bejn il-fabbriki tal-armi rispettivi u l-istess periti u dan sabiex, permezz tas-serial number rispettiv ta' kull arma li nsterqet, possibilment jigu identifikati xi whud, jekk mhux kull fattur indikat aktar 'il quddiem, illi l-esperti jidhrilhom illi jistghu jkollhom impatt qawwi fuq il-valur u l-istima tal-istess armi;

[37] **Fatt dan li anke sab l-approvazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha datata 15/12/2015; atti allegati**. qa

j. Dan l-awtur innifsu, meta moghti d-dettalji saljenti kollha dwar is-seba' *shotguns* li fuqhom kien mitlub l-intervent tieghu, stante wkoll illi din hija l-materja (*shot-guns*) illi huwa rinomat illi jeccella fiha, ipprovda cifri dwarhom ghall-gwida tal-esperti teknici stess;

k. Minn ricerka u verifiki ulterjuri li nhassu li kellhom isiru minn naha tat-tlett esperti teknici u dan ukoll in linea ma' dak li gie ssuggerit mill-istess pubblikatur, tenut kont ukoll l-informazzjoni kollha emergenti, il-periti perizjuri esprimew il-fehma li l-valur stabbilit ma' kull arma li sal-lum ghadha tirrizulta bhala misruqa ghandu jkun hekk –

Benelli Serial No F 045844 – €467.13

Benelli Serial No V007566 – €859.51

Browning Citori Serial No 03642PT 143 – €2877.49

Charles Daly Serial No 2121358 –€691.35

Ithaca Serial No 78102 – €175.64

Strum Ruger Serial No 410-29922 – €822.14

Winchester Serial No DG279303E – €1438.75

Diana Air Rifle Serial No 4039926 – €747.40

**VALUR TOTALI – €8,079.41**

Rat id-domandi u t-twegibiet in eskussjoni tal-periti perizjuri[38] u n-Nota kongunta tal-periti addizzjonali[39].

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti sejra tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha.

[38] Fol 332 et seq u fol 366 et seq
[39] Fol 354 et seq

Il-Qorti tibda billi tqis li t-tezi tad-direttur konvenut dwar il-likwidazzjoni tad-danni ma tregix. Kif xehdu r-rapprezentanti tad-Dwana stess, huma ma jitolbux valur realistiku ghal dak li jirrigwarda oggetti personali tal-persuna (bhal ma huma l-armi tan-nar in kwistjoni); anzi lanqas biss jaghtu kashom. Kif xehed Louis Fava, fizzjal tad-Dwana[40] -

*"Ahna qatt ma nitolbu valur realistiku fuq personal effects ghax qatt ma jista' jkun. Irrid nispjega li ahna ma nidhlux fil-kwistjoni dwar kemm ikun ta' valur biex ghen is-shipper jew is-sid ta' l-oggett. Dik mhix haga li tikkoncerna lilna fil-personal effects...Il-valuri qatt ma naf li tajna kashom. Jien ili 27 sena id-Dwana. Hekk nafha dejjem is-sitwazzjoni."*

Addirittura dan l-istess xhud ikkonferma li l-valur ta' €1000 imnizzel fid-*Declaration Form* kien imdahhal hazin mill-istaff tad-Dwana ghax tali cifra kellha tkun ghall-affarijiet godda li gab mieghu l-attur u mhux ghall-armi tan-nar[41]-

*"Qed nghid li hemm dan iz-zball, fis-sens li fejn hemm dikjarat the price bhala munita, dik suppost qieghda tirreferi ghal new items u mhux ghall-armi tan-nar. Dan hu zball li gara fis-sistema. Mr Cauchi kien ghamel id-dikjarazzjoni fil-prezenza tieghi u kien qalilna li s-shot guns ma jistax jaghti valur taghhom, sempliciment qalli ma nistax naghtik prezzhom. Hu veru li fid-dokument hemm ic-cifra ta' elf - shotguns, imma dan mhux dak li qalilna Mr Cauchi. L-inputer ghamlet elf, imma dik kellha tkun ghall-affarijiet godda li gab mieghu barra minn Malta, mhux ghas-shotguns. Dak l-item suppost taqra new items li kellu hu. Is-shotguns huma dikjarati fil-messages. M'hemmx il-valur. Qed nghid dawn l-affarijiet ghax naf li sar zball."*

[40] Fol 168
[41] Fol 169

**Ghal dawn ir-ragunijiet, l-argumenti li qed jakampa fuqhom il-konvenut fir-rigward ma jistghux hlief jigu meqjusa nfondati fl-isfond tax-xhieda riferuta.**

Minn naha l-ohra t-tezi tal-atturi, kif spjegata fin-Nota ta' Sottomissjonijiet finali taghhom hija li, ghar-ragunijiet hemm imsemmija[42], din il-Qorti ghandha tiskarta l-konkluzjonijiet tal-periti perizjuri u minflok ghandha taghti piz lic-cifra prezentata minnhom ta' €36,393.93 (bazata fuq il-figuri ndikati minn Michael Mifsud) u almenu tikkalibraha mac-cifra ta' €19,800 ndikata mill-ewwel relazzjoni peritali tal-espert imqabbad mill-Qorti l-Brigadier Maurice Calleja. Dan sabiex skont l-atturi, l-Qorti *arbitrio boni viri* tasal ghal kumpens *"skond jew bejn l-imsemmija zewg estremi ta' €36,393.33 u ta' €19,800.00*[43]*"*.

**Il-Qorti pero' hija ta' fehma ohra.**

Fl-ewwel lok fattwalment tinnota li anke jekk fil-prospett tad-danni l-atturi kienu elenkaw valuri pretizi minnhom bhala danni bazati fuq l-istimi moghtija minn Michael Mifsud, kienu huma stess li sussegwentement talbu li jigi mahtur espert tekniku: *"...jsostni t-talba ghall-hatra ta' espert biex jaghti valur tal-oggetti*[44]*"*. Kienu wkoll l-atturi li nsistew ghall-hatra ta' periti perizjuri wara li l-attur Raymond iddikjara li *"ihossu aggravat bir-rapport tal-perit tekniku l-Brigadier Maurice Calleja*[45]*"*, liema talba huwa fermement rega' nsista dwarha waqt is-seduta tal-14 t'Ottubru 2013[46]. Huwa ghalhekk kemmxejn ambigwu kif proprju issa l-atturi qeghdin jibdlu il-pozizzjoni taghhom dwar il-konkluzjonijiet tar-rapport tal-Brigadier Calleja. Huwa desumibbli naturalment li d-distakk bejn il-valuri monetarji moghtija fir-rapport tal-ewwel perit tekniku u dak tal-periti perizjuri probabilment kien il-motiv ewlieni ghal dan ir-ripensament fil-

[42] Fol 405 et seq
[43] Fol 413
[44] Seduta tat-18 ta' Gunju 2012 fol 171
[45] Rikors a fol 215
[46] Fol 220

pozizzjoni tal-atturi, (kif ukoll l-attentat taghhom li jiksbu l-isfilz ta' l-istess relazzjoni), fattur pero' li wahdu m'ghandux iwassal lil din il-Qorti biex taghti preferenza lir-rapport tal-ewwel espert tekniku minflok dak tal-periti perizjuri.

Fit-tieni lok, il-Qorti lanqas ma tara raguni valida il-ghala hija ghandha tiskarta opinjoni teknika ta' esperti teknici mqabbda minnha biex arbitrarjament isserrah il-konkluzjonijiet taghha fuq stimi prezentati minn xhud *ex parte* Michael Mifsud sempliciment ghax dan evidentement igawdi l-fiducja tal-atturi. Anke jekk il-prova li l-attur xtara xi armi minghand din il-persuna ma gietx kontradetta, la l-atturi u lanqas dan ix-xhud ma pprezentaw xi ricevuta ufficjali li taghti hjiel almenu ta' kemm effettivament inxtraw l-armi tan-nar ndikati fid-dikjarazzjoni ta' dan ix-xhud. Jirrizulta wkoll li fl-ghoti tal-istimi tieghu ix-xhud imsemmi ma elaborax u lanqas ta xi ndikazzjoni konkreta tas-sors jew sorsi affidabbli li minnhom wasal ghall-valur minnu moghti, ghajr ghal ricerka generali fuq l-*internet*[47]. Oltre dan, mhuwhiex maghruf x'gharfien, kompetenza, sengha u *expertise* ghandu dan l-istess Michael Mifsud fil-qasam tal-valutazzjoni tal-armi tan-nar sabiex jissostanzja d-dikjarazzjonijiet tieghu dwar il-valuri minnu ndikati.

Oltre hekk, dwar il-kritika li ressaq l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li skontu l-konvenut Kontrollur akkwijixxa ghal valuri moghtija minn Mifsud gialadarba ghazel li ma jaghmilx il-kontroezami tieghu, il-Qorti hija wkoll ta' hsieb iehor. Anke jekk il-Qorti hija accettanti ta' dak riprodott fin-nota ta' sottomossjonijiet imsemmija, riferibbilment ghal dan il-punt ta' nuqqas ta' kontro-ezami sa fejn jirrigwarda l-gurisprudenza u l-fehma ta' guristi kwotati, dan ma ghandux iwassal biex hi taccetta bhala valur reali dak stabbilit minn Mifsud, anke jekk wiehed jasal biex jinterpreta li dan huwa l-kaz fir-rigward tal-konvenut. (Fatt li zgur mhux il-kaz ghax l-valur imsemmi kien ferm ikkontestat

[47] Fol 38 et seq

minnu gia sahansitra f'nota tieghu presentata fit-28 ta' Gunju, 2011[48], fuq ordni tal-Qorti). Il-fehma mressqa minn Mifsud dwar il-valuri tista tkun ikkunsidrata bhala prova ta' fatt, anke jekk is-sors tieghu jibqa dghajjef, daqstant iehor hija prova ta' fatt il-fehma ta' espert/esperti tal-Qorti, minnha nominati ghax taf li ghandhom dik is-sengha, hiela, arti u fuq kollox l-indipendenza mehtiega biex jaqdu l-inkarigu lilhom moghti. Ghalhekk ebda nuqqas ta' kontro-ezami ma jista jwassal lil din il-Qorti ghal accettazzjoni ghamja ta' fehma ta' xhud *ex parte.*

Il-Qorti tislet hawn analogija ma l-istitut tal-kontumacja fejn addirittura w aghar il-konvenut jonqos milli jressaq *in terminu* d-difiza tieghu ghal kontradittorju. Xorta jibqa pero l-obbligu ta' l-attur jressaq l-ahjar prova u tal-Qorti li tezamina t-talbiet migjuba n relazzjoni ma dan.

Tenuti l-premess u wara li gharblet il-provi kollha migjuba quddiemha fir-rigward, il-Qorti tqis fic-cirkustanzi li hija ghandha tadotta l-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tal-periti perizjuri mqabbda minnha ghax jidhrilha li huma l-aktar precizi, akkurati u li gew milhuqa wara analizi teknika profonda u huma professjonalment u dettaljatament ricerkati u applikati ghall-oggetti mertu tal-kawza tal-lum.

Il-Qorti nfatti ma tara ebda raguni valida il ghala hija ghandha tiskarta dawn il-konstatazzjonijiet. Dan anke fid-dawl tal-fatt li dwar il-piz probatorju tal-kostatazzjonijiet ta' periti teknici nominati mill-Qrati gie ritenut kostantement mill-gurisprudenza nostrali, li ghalkemm Qorti mhijiex marbuta tadotta l-konkluzjonijiet ta' rapport peritali, madankollu hija m'ghandhiex b'mod legger tiskarta tali rizultanzi tenut kont li dawn ikunu maghmula minn espert tekniku mqabbad apposta biex jezamina materja teknika bhal ma hu l-kaz odjern. Fil-kaz fl-ismijiet **Noel Pisani et pro et noe vs Adam Bartolo deciz minn din il-**

[48] Fol 60

**Qorti diversament preseduta fit-12 t'April 2016**[49] elenkat il-principji rilevanti f'dan il-kuntest:

*"Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza **"Calleja vs Mifsud"**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk –*

*'Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*

*In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami ("**Grima vs Mamo et noe" –** Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)***.**

---

[49] Cit Nru 13/06 JZM

*Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ( ara - "***Cauchi vs Mercieca" –** Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999* ***; "Saliba vs Farrugia*** *" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 ; "***Tabone vs Tabone et*** *" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "***Calleja noe vs Mifsud*** *" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `**Attard vs Tedesco et`** - Qorti tal-Appell – 1 ta` Gunju 2007 u* ***"Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et"*** *(Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta' Dicembru 2008).*

*Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – ("***Bugeja et vs Muscat et" –** Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967)."*

Fid-dawl tal-principji suesposti l-Qorti tqis li m'hemm ebda lok li jwassalha biex tiddubita mil-konstatazzjonijiet tal-periti perizjuri mqabbda minnha u tqis li l-konkluzjonijiet taghhom huma gusti u fid-dawl tar-ricerki taghhom ferm ragonevoli. Tqies ukoll dak ritenut mill-istess periti u minnhom mtenni fl-eskussjoni **fit-tul** li saritilhom fejn in sostanza zammu ferm l-konklussjoinijiet taghhom. Ghalhekk hija se taghmel taghha dawn l-istess konkluzjonijiet.

In fine, l-Qorti mhijiex behsiebha tiddilunga fuq il-kritika li l-atturi ressqu fir-rigward tal-kompetenza u r-rwol ta' wiehed mit-tlett periti perizjuri. Il-Qorti tfakkar li apparti li tnejn mit-tlett periti perizjuri gew suggeriti mill-partijiet stess, dawn l-istess periti finalment inhatru minnha proprju ghax igawdu l-fiducja taghha oltre l-fatt li qabel il-hatra taghhom **ma saret ebda oggezzjoni**

**ghalihom jew ghal xi wiehed minnhom mill-partijiet**. Barra minn hekk kif jixhed id-digriet appozitu, huma gew nominati **bl-istess inkarigu – u cioe' ta' esperti teknici**. Xejn aktar u xejn anqas. A skans ta' kull ekwivoku d-digriet tal-hatra ta' dawn il-periti jghid hekk[50]-

***"Il-Qorti,***

***Tinnomina bhala periti addizzjonali lil Dr Mario Spiteri Bianchi, Stefan Petroni u lil Pierre Grech Pillow sabiex wara li jaraw l-atti, jaghtu stima tal-valur tal-armi tan-nar li nsterqu u li huma mertu tal-kawza."***

Il-fatt li wiehed minn dawn l-esperti nzerta huwa avukat, u li fil-kapacita' tali tieghu huwa formalment prezenta rikorsi biex jitlob direzzjoni u awtorizzazzjoni mill-Qorti fl-ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lit-tlett esperti, ma jnaqqas u ma jbiddel xejn mill-funzjoni tieghu ta' espert tekniku kif nominat mill-Qorti. Infatti, l-konstatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet kollha tar-rapport huma purament teknici.

Oltre dan, il-Qorti tissottolinea li anke jekk fl-espletazzjoni tal-inkarigu taghhom l-esperti setghu forsi tqassmu bejniethom dwar xi aspetti ta' dan l-istess inkarigu, ir-rapport finali jibqa' wiehed u ffirmat mit-tlett esperti konguntivament. B'hekk il-konkluzjonijiet raggunti fir-rapport, inkluz ir-responsabilta' ghall-istess tingarr mit-tlett esperti **kollettivament** u mhux indiviwalment.

Il-Qorti ghalhekk tqis li d-danni ghandhom ikunu stabbilitu fuq il-valur kif indikat mill-esperti perizjuri u cioe' fis-somma totali ta' tmien t'elef u disgha u sebghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€8079.41).

---

[50] Fol 226

Ghaldaqstant it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-atturi ser jintlaqghu skont kif appena deciz u ghall-istess ragunijiet il-bqija tal-eccezzjonijiet tad-direttur konvenut ser jigu michuda.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kaz billi:**

**1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tad-Direttur Generali (Dwana);**

**2. Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjara li l-istess Direttur Generali (Dwana) m' agixxiex bid-diligenza kollha rikjesta minnhu bil-ligi u l-istandard tal-*bonus pater familias* meta kellu fil-kustodja tieghu l-istess armi tan-nar u ghalhekk huwa ghandu jwiegeb ghad-danni;**

**3. Tilqa' t-tieni talba tal-atturi u tillikwida s-somma ta' tmien t'elef u disgha u sebghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€8,079.41) a favur l-atturi bhala danni sofferti minnhom;**

**4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dawn id-danni hekk likwidati lill-atturi;**

**5. L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut Direttur Generali (Dwana).**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**